16 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Luigi Galea *versus* Giuseppe Galea

## Azzjoni ta' Manutenzjoni — Art. 571 tal-Kodiċi Ċivili

*Għalkemm il-liġi tagħti l-azzjoni possessorja ta' manutenzjoni lil "kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobili, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, jiġi molestat f'dan il-pussess", dana l-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti mogħtija mill-Qrati Tagħna, ifisser biss il-pussess skond id-definizzjoni mogħtija mill-leġislatur fl-art. 561 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri d-detenzjoni tal-ħaġa "animo domini". U għalhekk din l-azzjoni mhix esperibbli minn gabillott jew kerrej, li jkunu qegħedin jokkupaw il-fond b'titolu ta' lokazzjoni.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-kontendenti għandhom bi qbiela raba' fil-limiti ta' Ħad-Dingli, imsejjaħ "Djar il-Bniet" ossija "Il-Ġnien tal-Barunissa"; billi mir-raba' tal-konvenut għaddej kanal li minnu jgħaddi l-ilma għar-raba' ta' l-attur, liema kanal jinsab miżdud, u għalhekk l-ilma mhux jasal fil-għalqa ta' l-attur; billi l-attur talab diversi drabi lill-konvenut biex inaddaf dan il-kanal ħalli l-attur ikun jista' jirċievi l-ilma, kif għandu d-dritt, iżda inutilment; talab illi l-konvenut jiġi kundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmel dak ix-xogħol neċessarju ħalli jnaddaf il-kanal fuq imsemmi, b'mod li l-ilma jkun jista' jasal għand l-attur, għall-bżonn taħt id-direzzjoni ta' perit għal dan il-fini nominat; u fil-każ li jonqos l-istess konvenut, l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħol neċessarju fuq imsemmi a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-18 ta' Novembru, 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur, b'nota tal-15 ta' Novembru, 1955, preżentata minnu fuq l-ordni tal-Qorti, iddikjara illi biċ-ċitazzjoni

odjerna huwa eżercita l-azzjoni possessorja ta' manutenzjoni;

Illi dina l-azzjoni hija dik preveduta mill-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili, fejn, għalkemm jingħad li għandu dritt jeżerċitaha "kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobili, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, jiġi molestat f'dan il-pussess", dana l-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti mogħtija mill-Qrati Tagħna, ifisser *biss il-pussess* skond id-definizzjoni mogħtija mill-leġislatur fl-art. 561 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri d-detenzjoni tal-ħaġa "animo domini" (Kollez. XXVII-I-622, u XXXIII-II-198); u konsegwentement dina l-azzjoni ma tikkompetix lill-kerrej jew gabillott tal-fond, bħal ma hu l-attur skond ma kkwalifika ruħu fl-att taċ-ċitazzjoni;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi mhux espedjenti li jiġi *nvestit il-meritu* tal-kawża;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut; bl-ispejjeż.